# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħamsa (5) ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 755/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Catena Operations Limited**
**(C 62481)**

**Vs**

**Dr Leontine Calleja u PL Gillian Muscat bħala kuraturi għas-soċjeta' M-Hub Gamng Operations Limited (C 63954)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Awissu 2019, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' konvenuta M-HUB Gaming Operations Limited ta' 37, Mannarino Road, Birkirkara, BKR 9080 u s-soċjeta' rikorrenti daħlu f'relazzjoni kuntrattwali bejniethom li bis-saħħa tagħha s-soċjeta' konvenuta kienet obbligata tħallas fost l-oħrajn, miżati għat-traffiku ġenerat fuq l-internet mis-soċjeta' rikorrenti għal fuq is-siti elettroniċi operati mis-soċjeta' konvenuta fil-qasam tal-online gaming, speċifikament Novo Affiliates u Big Bet World;*

2. *Illi s-soċjeta' konvenuta kellha l-obbligu li tħallas fil-ħin lis-soċjeta' attriċi għas-servizzi kollha reżi l-ammonti totali hekk kif stipulat fil-fatturi u fid-dati rispettivi indikati fl-istess fatturi hawn annessi u mmarkati **(Dok. C1)** sa **(Dok. C28)** (ara ukoll rendikont tal-ammonti kollha dovuti hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. C29');***

3. *Illi mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi, s-soċjeta' konvenuta naqset milli tħallas dawn il-fatturi;*

4. *Illi b'hekk is-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma komplessiva ta' mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u ħdax Ewro u sebgħin ċenteżmu **(€ 186,811.70)**, liema somma hija appuntu dovuta bħala ħlas għal servizzi reżi mis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-imsemmija soċjeta' attriċi, u dan kif jirriżulta biċ-ċar mill-bilanċ tal-fatturi;*

5. *Illi inoltre, minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-import ta' dawn il-fatturi msemmija permezz ta' diversi ittri u emails, u minkejja li s-soċjeta' attriċi tat lis-soċjeta' konvenuta kull opportunita' biex tonora l-obbligi tagħha, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna;*

6. *Illi soċjeta' konvenuta f'diversi okkażjonijiet ikkonfermat il-bilanċ dovut tal-fatturi (ara skambju ta' emails bejn il-partijiet hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok. 30'**), tant hu hekk li kemm-il darba nfurmaw lis-soċjeta' attriċi li l-pagamenti qegħdin f'lista ta' proċessar (processing list) u li l-fatturi dovuti kienu ser jitħallsu kemm jista' jkun malajr;*

7. *Illi sa fejn taf is-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti jew x'tressaq kontra t-talbiet tal-istess soċjeta' attriċi u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*GĦALDAQSTANT, tgħid għalhekk is-soċjeta' attriċi għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha għar-raġunijiet hawn fuq premessi:*

1. *Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

2. *Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u ħdax Ewro u sebgħin ċenteżmu **(€ 186,811.70)**, rappreżentanti l-bilanċ fuq is-servizzi msemmijin*

*fil-fatturi, liema somma għadha sal-lum dovuta, u dan bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-istess somma ta' mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u ħdax Ewro u sebgħin ċenteżmu (**€ 186,811.70**), rappreżentanti l-bilanċ fuq is-servizzi msemmijin fil-fatturi, liema somma għadha sal-lum dovuta, u dan bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.*

   *Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta li hija nġunta minn issa għall-eventwali subizzjoni.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti in sostenn ta' dak mitlub.

3. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2019, hekk kif ġiet notifikata s-soċjeta' intimata fl-indirizz reġistrata tagħha, Dr Marylin Formosa, ta' PKF Malta Limited, għarrfet lill-Marixxal tal-Qorti li l-indirizz ma għadux validu stante illi s-soċjeta' ma għadhiex taħdem ma' PKF Malta Limited.

4. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2019, Dr Marylin Formosa telgħet il-Qorti u kkonfermat illi l-indirizz ma huwiex korrett.

5. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2020, fuq talba għal nomina ta' Kuraturi magħmula mis-soċjeta' rikorrenti in vista ta' tali fatti, l-Qorti nnominat lill-Dr Leontine Calleja u l-PL Gillian Muscat bħala Kuraturi Deputati.

6. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2020, il-Kuraturi Deputati ippreżentaw is-segwenti risposta:

   1. *Fl-ewwel lok l-esponenti jirivellaw illi huma m'hux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom għal risposta ulterjuri wara li jkollhom kuntatt mas-soċjeta' minnhom irrappreżentata;*

   2. *Illi hija s-soċjeta' attriċi li għandha l-piż tal-prova u ċioe' illi permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinċi lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-ħlasijiet li qegħdin jiġu mitluba fil-fatt huma kollha dovuti;*

   3. *Illi trid issir prova illi kienet s-soċjeta' konvenuta li inkarigat lis-soċjeta' attriċi sabiex twettaq ix-xogħol;*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

   *Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

7. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' rikorrenti għarrfet illi xtaqet tippreżenta provi ulterjuri.

8. Rat l-affidavit ta' **Andra Dimitriu** ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2020, wara liema affidavit il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi rikorrenti bħala magħluqa.

9. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2020, l-Kuraturi Deputati għarrfu lill-Qorti illi għalkemm ippruvaw jikkomunikaw mas-soċjeta' intimata, ma rċevew ebda informazzjoni.

10. Rat illi għalhekk il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi intimati bħala magħluqa.

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-22 ta' Ottubru 2020, wara liema trattazzjoni l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

12. Jirriżulta, illi s-soċjeta' rikorrenti hija kumpanija illi tipprovdi "*online marketing and sales*" għall-klijenti tagħha, u fost il-klijenti tagħha kien hemm is-soċjeta' intimata M-Hub Gaming Operations Limited.

13. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti pprovdiet servizzi ta' dina n-natura lis-soċjeta' intimata, liema soċjeta' intimata, għalkemm interpellata tħallas varji drabi permezz ta' komunkazzjoni elettronika, baqgħet qatt ma ħallset xejn.

14. Jirriżulta illi għas-servizz pprovdut, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet fatturi fl-import totali ta' mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u ħdax-il Euro u sebgħin ċenteżmu (€186,811.70), liema fatturi baqgħu qatt ma tħallsu mis-soċjeta intimata.

15. Jirriżulta, għalhekk, illi, sorvolata l-ewwel talba, l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tikkunsidra favorevolment it-tieni u tielet talba rikorrenti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tastejni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba,

**Tilqa'** t-tieni u tielet talba kif dedotti u għalhekk;

**Tiddikjara** lis-soċjeta' konvenuta M-Hub Gaming Operations, kif rappreżentati mill-Kuraturi Deputati Dr Leontine Calleja u l-PL Gillian Muscat, bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi Catena Operations Limited fl-ammont ta' **mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u ħdax Ewro u sebgħin ċenteżmu (€ 186,811.70)**, rappreżentanti l-bilanċ fuq is-servizzi msemmijin fil-fatturi, liema somma għadha sal-lum dovuta u;

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta M-Hub Gaming Operations tħallas lis-soċjeta' attriċi l-istess somma ta' **mija u sitta u tmenin elf, tmien mija u ħdax Ewro u sebgħin ċenteżmu (€ 186,811.70)**, rappreżentanti l-bilanċ fuq is-servizzi msemmijin fil-fatturi, liema somma għadha sal-lum dovuta.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni, imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, ikunu a kariku tas-soċjeta' M-Hub Gaming Operations Limited.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**